Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 621/2003

**Maria Assunta Vella gia Saliba**

**Vs**

**Francis Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet is-somma ta’ Lm385.00c (tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin) rappresentanti danni wara incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li l-incident gara tort tal-attrici.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti.

Ikkunsidra li l-attrici qalet li kienet ghaddejja f’Princess Margaret Street, Ta’ Xbiex meta karozza li kienet ipparkjata qabdet u minghajr sinjali qasmet it-triq. Dan kien il-konvenut li gie ezatt f’nofs it-triq u saret il-habta. L-

attrici qalet li kellha hsara fuq il-lemin tal-karozza taghha filwaqt li l-konvenut kellu hsara fuq wara.

Fid-dikjarazzjoni “Front to Rear” hemm ddikjarat mill-attrici li l-vettura tal-konvenut kient ipparkjata u dan saq. Id-dikjarazzjoni “Front to Rear” hi ffirmata miz-zewg partijiet izda l-konvenut ma ta ebda dettalji ta’ kif grat il-habta.

Il-konvenut qal li kien qed issuq f’Princess Margaret Street u ried jipparkja fuq ix-xellug tieghu, kiser kemm kemm fuq ix-xellug u hass daqqa minn wara fuq il-vettura tieghu.

Il-konvenut ikkonferma l-firma tieghu fuq il-“Front to Rear form”.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li sabiex jidhol fil-parking space ried jaqla’ daqsxejn ‘l barra mill-karozzi pparkjati. Hu qal li meta ra d-dawl tal-attrici kien diga angolat fuq ix-xellug tieghu.

Il-konvenut qal li xeghel l-indicator u wara l-habta spicca fuq inklinat fuq ix-xellug.

Illi jirrizulta li skond il-verzjoni tal-konvenut hu ried jipparkja fuq ix-xellug izda qabel ma ghamel hekk qala’ ftit ‘l barra.

Skond il-verzjoni tal-attrici, l-konvenut kien ipparkjat u qala’ ‘l barra.

Illi fil-“Front to Rear form” filwaqt li l-attrici kkonfermat din il-verzjoni l-konvenut ma kiteb xejn dwar kif gara l-incident.

Illi anke jekk wiehed jaccetta l-verzjoni tal-konvenut huwa principju stabilit li qabel ma tbiddel id-direzzjoni ghandek tnaqqas il-velocita’ u thares mill-mera sabiex tara huwiex gej traffiku minn warajk (Ara Thomas Smith Vs Bugeja Tribunal Talbiet Zghar AE 7/5/2002).

Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident billi jekk induna bl-

attrici warajh ma messux qala’ ‘l barra u jekk ma ndunax qala’ ‘l barra minghajr ma zamm “a proper look out”.

Id-danni mhux kontestati u huma ragonevoli.

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna l-istess konvenut sabiex ihallas Lm385.00c (tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin) lill-attrici flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 10 ta’ Gunju 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------